II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/453

tas-27 ta' Marzu 2020

dwar l-istandards armonizzati għall-prodotti ferrovjarji abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

(1) Kif iddikjarat fil-premessa 13 tad-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], l-istandards Ewropej żviluppati fl-ispirtu tal-approċċ il-ġdid għall-armonizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni tekniċi jistgħu jippermettu li ssir preżunzjoni ta' konformità ma' ċerti ħtiġijiet (rekwiżiti) essenzjali ta' dik id-Direttiva, partikolarment fil-każ tal-kostitwenti tal-interoperabilità u tal-interfaċċji. Il-prodotti ferrovjarji li jkunu konformi ma' tali standards armonizzati jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma preżunti konformi mar-rekwiżiti koperti minn dawk l-istandards jew partijiet minnhom, stabbiliti f'dik id-Direttiva.

(2) Bl-ittra M/483 tat-28 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni ressqet talba quddiem il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (Cenelec) u l-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI) għall-abbozzar ta' standards armonizzati ġodda jew għar-reviżjoni tal-istandards armonizzati eżistenti b'appoġġ għad-Direttiva 2008/57/KE.

(3) Abbażi t-talba M/483, CEN u Cenelec abbozzaw jew irrevedew, *inter alia*, l-istandards armonizzati li ġejjin: EN 14067-4:2013+A1:2018, EN 14067-6:2018, EN 14198:2016+A1:2018, EN 14363:2016+A1:2018, EN 15355:2019, EN 15610:2019, EN 15877-1:2012+A1:2018, EN 16186-1:2014+A1:2018, EN 16186-3:2016 +A1:2018, EN 16452:2015+A1:2019, EN 16729-4:2018, EN 16922:2017+A1:2019, EN 17023:2018, EN 17069-1:2019, EN 50122-1:2011/A1:2011, EN 50122-1:2011/A2:2016, EN 50122-1:2011/A3:2016, EN 50122-1:2011/A4:2017 EN 50126-1:2017, EN 50126-2:2017, EN 50129:2018 flimkien mal-Corrigenda EN 50129:2018/AC:2019-04 tiegħu, EN 50318:2018, EN 50463-1:2017, EN 50463-2:2017 flimkien mal-Corrigenda EN 50463-2:2017/AC:2018-10 tiegħu, EN 50463-3:2017, EN 50463-4:2017 u EN 50463-5:2017.

(4) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN u mas-Cenelec, ivvalutat jekk dawn l-istandards abbozzati jew riveduti mis-CEN u mis-Cenelec, humiex konformi mat-talba M/483.

---

[1] ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

[2] Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1).

(5) Dawn l-istandards jissodisfaw ir-rekwiżiti li għandhom l-għan li jkopru, u li huma stabbiliti fid-Direttiva 2008/57/KE. Għalhekk jixraq li r-referenzi ta' dawk l-istandards jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Minħabba l-fatt li l-konformità mal-istandard EN 14363:2016+A1:2018 tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti korrispondenti stabbiliti fid-Direttiva 2008/57/KE fil-każ biss li tintuża flimkien mal-opinjoni teknika tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji ERA-OPI-2018-3, ir-referenzi għal dak l-istandard jenħtieġ għalhekk jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bir-restrizzjoni korrispondenti.

(6) Uħud mill-istandards armonizzati ġodda jew riveduti abbozzati mis-CEN u mis-Cenelec jissostitwixxu l-istandards armonizzati li ġejjin: EN 14067-4:2005+A1:2009, EN 14067-6:2010, EN 14198:2016, EN 15355:2008 +A1:2010, EN 15610:2009, EN 15877-1:2012, EN 16186-3:2016, EN 16922:2017, EN 50122-1:2011, EN 50126-1:1999, EN 50129:2003, EN 50463-1:2012, EN 50463-2:2012, EN 50463-3:2012, EN 50463-4:2012 u EN 50463-5:2012. Għalhekk, jeħtieġ li r-referenzi għal dawk l-istandards jiġu rtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]). Għal uħud minn dawk l-istandards, sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jippreparaw għall-applikazzjoni tal-istandards li jissostitwixxu, jeħtieġ li jitneħħa l-irtirar tar-referenzi tagħhom.

(7) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għaldaqstant, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2008/57/KE u elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni, huma b'dan ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Ir-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2008/57/KE u elenkati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, huma b'dan ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b'restrizzjoni.

Artikolu 2

Ir-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2008/57/KE u elenkati fl-Anness III ta' din id-Deċiżjoni, huma b'dan irtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sa mid-dati stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([3]) ĠU C 282, 10.8.2018, p. 6.

ANNESS I

Nru	Referenza tal-istandard
1.	EN 14067-4:2013+A1:2018 Applikazzjonijet ferrovjarji – Ajrudinamika – Parti 4: Rekwiżiti u proċeduri tal-ittestjar għall-ajrudinamika fuq linji tal-ferrovija miftuħin
2.	EN 14067-6:2018 Applikazzjonijet ferrovjarji – Ajrudinamika – Parti 6: Rekwiżiti u proċeduri tal-ittestjar biex ikejlu l-qawwa tar-riħ mill-ġenb għaż-żaqq
3.	EN 14198:2016+A1:2018 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Ibbrejkjar – Rekwiżiti għas-sistema tal-ibbrejkjar tal-ferroviji miġbuda minn lokomottivi
4.	EN 15355:2019 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Ibbrejkjar – valves distributtivi u apparati li jiżolaw id-distributur
5.	EN 15610:2019 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Akustika – Kejl tal-ħruxija tal-wiċċ tal-binarji u tar-roti relatati mal-ġenerazzjoni tal-ħsejjes
6.	EN 15877-1:2012+A1:2018 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Sinjali fuq vetturi ferrovjarji – Parti 1: Vaguni tal-Merkanzija
7.	EN 16186-1:2014+A1:2018 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Kabina tas-sewwieq – Parti 1: Data antropometrika u viżibilità
8.	EN 16186-3:2016+A1:2018 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Kabina tas-sewwieq – Parti 3: Disinn tad-displejs
9.	EN 16452:2015+A1:2019 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Ibbrejkjar – Brake blocks
10.	EN 16729-4:2018 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Infrastruttura – Ittestjar mhux distruttiv fuq il-binarji fil-linja ferrovjarja – Parti 4: Kwalifika tal-persunal għal-ittestjar mhux distruttiv fuq il-binarji
11.	EN 16922:2017+A1:2019 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Servizzi bbażati fuq l-art – Tagħmir għar-rimi tal-ilma residwu mill-vetturi
12.	EN 17023:2018 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Manutenzjoni tal-vetturi ferrovjarji – Ħolqien u modifika tal-pjan ta' manutenzjoni
13.	EN 17069-1:2019 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Sistemi u proċeduri għall-bdil fil-gauge tal-linji ferrovjarji – Parti 1: Sistemi ta' gauge varjabbli awtomatiku
14.	EN 50122-1:2011 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Stallazzjonijiet fissi – Sikurezza elettrika, ertjar u ċ-ċirkuwitu tar-ritorn – Parti 1: Dispożizzjonijiet protettivi kontra x-xokk elettriku EN 50122-1:2011/A1:2011 EN 50122-1:2011/AC:2012 EN 50122-1:2011/A2:2016 EN 50122-1:2011/A3:2016 EN 50122-1:2011/A4:2017
15.	EN 50126-1:2017 Applikazzjonijiet ferrovjarji – L-Ispeċifikazzjoni u d-Dimostrazzjoni tal-Affidabilità, id-Disponibilità, il-Mantenibilità u s-Sikurezza (RAMS) – Parti 1: Proċess ġeneriku tar-RAMS

Nru	Referenza tal-istandard
16.	EN 50126-2:2017 Applikazzjonijiet ferrovjarji – L-Ispeċifikazzjoni u d-Dimostrazzjoni tal-Affidabilità, id-Disponibilità, il-Mantenibilità u s-Sikurezza (RAMS) – Parti 2: Approċċ Sistemiku għas-Sikurezza
17.	EN 50129:2018 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Sistemi ta' komunikazzjoni, sinjalazzjoni u pproċessar – Sistemi elettroniċi għas-sinjalazzjoni relatati mas-sikurezza EN 50129:2018/AC:2019-04
18.	EN 50318:2018 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Sistemi ta' ġbir tal-kurrent – Validazzjoni tas-simulazzjoni tal-interazzjoni dinamika bejn pantografu u linja ta' kuntatt fl-għoli
19.	EN 50463-1:2017 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Kejl tal-enerġija abbord ferroviji – Parti 1: Punti ġenerali
20.	EN 50463-2:2017 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Kejl tal-enerġija abbord ferroviji – Parti 2: Kejl tal-enerġija EN 50463-2:2017/AC:2018-10
21.	EN 50463-3:2017 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Kejl tal-enerġija abbord ferroviji – Parti 3: Ġestjoni tad-*data*
22.	EN 50463-4:2017 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Kejl tal-enerġija abbord ferroviji – Parti 4: Komunikazzjoni
23.	EN 50463-5:2017 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Kejl tal-enerġija abbord ferroviji – Parti 5: Valutazzjoni tal-konformità

ANNESS II

Nru	Referenza tal-istandard
1.	EN 14363:2016+A1:2018 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Ittestjar u Simulazzjoni għall-aċċettazzjoni ta' karatteristiċi tat-tħaddim tal-vetturi ferrovjarji – Testijiet tal-Komportament Dinamiku u testijiet stazzjonarji Avviż: Il-preżunzjoni ta' konformità għandha tingħata biss meta tintuża flimkien mal-opinjoni teknika tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji ERA-OPI-2018–3 (https://www.era.europa.eu/library/opinions-and-technical-advices_en).

ANNESS III

Nru	Referenza tal-istandard	Data tal-irtirar
1.	EN 14067-4:2005+A1:2009 Applikazzjonijet ferrovjarji – Ajrudinamika – Parti 4: Rekwiżiti u proċeduri tal-ittestjar għall-ajrudinamika fuq linji ferrovjarji miftuħin	30.3.2020
2.	EN 14067-6:2010 Applikazzjonijet ferrovjarji – Ajrudinamika – Parti 6: Rekwiżiti u proċeduri għall-ittestjar biex ikejlu l-qawwa tar-riħ mill-ġenb għaż-żaqq	30.3.2020
3.	EN 14198:2016 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Ibbrejkjar – Rekwiżiti għas-sistema tal-brejkijiet tal-ferroviji miġbuda minn lokomottivi	30.3.2020
4.	EN 15355:2008+A1:2010 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Ibbrejkjar – valves distributtivi u apparati li jiżolaw id-distributur	30.3.2021
5.	EN 15610:2009 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Emissjonijiet ta' ħsejjes – Kejl tal-ħruxija tal-wiċċ tal-binarji relatat mal-ġenerazzjoni tal-ħsejjes	30.9.2020
6.	EN 15877-1:2012 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Sinjali fuq vetturi ferrovjarji – Parti 1: Vaguni tal-Merkanzija	30.3.2020
7.	EN 16186-3:2016 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Kabina tas-sewwieq – Parti 3: Disinn tad-displejs	30.9.2020
8.	EN 16922:2017 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Servizzi bbażati fuq l-art – Tagħmir tar-rilaxx ta' ilma mormi minn vetturi	30.9.2020
9.	EN 50122-1:2011 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Stallazzjonijiet fissi – Sikurezza elettrika, ertjar u ċ-ċirkuwitu tar-ritorn – Parti 1: Dispożizzjonijiet protettivi kontra xokk elettriku EN 50122-1:2011/AC:2012	30.3.2021
10.	EN 50126-1:1999 Applikazzjonijiet ferrovjarji – L-ispeċifikazzjoni u d-dimostrazzjoni tal-Affidabilità, id-Disponibilità, il-Mantenibilità u s-Sikurezza (RAMS) (RAMS) – Parti 1: Rekwiżiti bażiċi u proċess ġenerali EN 50126-1:1999/AC:2006 EN 50126-1:1999/AC:2010 EN 50126-1:1999/AC:2012	30.3.2020
11.	EN 50129:2003 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Sistemi ta' komunikazzjoni, ta' sinjalazzjoni u ta' pproċessar – Sistemi elettroniċi għas-sinjalazzjoni relatati mas-sikurezza EN 50129:2003/AC:2010	30.3.2020
12.	EN 50463-1:2012 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Kejl tal-enerġija abbord ferroviji – Parti 1: Punti ġenerali	30.3.2020
13.	EN 50463-2:2012 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Kejl tal-enerġija abbord ferroviji – Parti 2: Kejl tal-enerġija	30.3.2020
14.	EN 50463-3:2012 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Kejl tal-enerġija abbord ferroviji – Parti 3: Ġestjoni tad-*data*	30.3.2020

Nru	Referenza tal-istandard	Data tal-irtirar
15.	EN 50463-4:2012 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Kejl tal-enerġija abbord ferroviji – Parti 4: Komunikazzjoni	30.3.2020
16.	EN 50463-5:2012 Applikazzjonijiet ferrovjarji – Kejl tal-enerġija abbord ferroviji – Parti 5: Valutazzjoni tal-konformità	30.3.2020